**GHADD SPECJALI**

# Lehen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

**L-Ewwel Sena** **Settembru 1931** **No. 7**

Stampât fl-"Empire Press" 266, Strada San Paolo — Il-Belt

# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

DIRETTURI: ROS. BRIFFA, B.SC. U ĠUŻÈ BONNICI, B.SC.

SETTEMBRU 1931 ] L-EWWEL SENA [ Nru 7


## ŻAMMEJNA KELMITNA

Konna wegħedna li l-"Antoloġija" neħduha f'idejna. Żammejna kelmtna. Dan il-għadd issibu fih dak li s-Sur Nin Cremona ġabar b'sabar kbir mill-kitba ewlenija bil-Malti. Lis-Sur Nin tafuh. Ilu tlitt snin igħallem liż-żgħażagħ tagħna fil-Liceo tal-Belt. Is-sabar tiegħu ħwejjeġ tal-għaġeb u għalhekk għażilna lilu biex jieħu biċċa xogħol bħal din f'idejh. Huwa qalleb kemm kotba bil-Malti sab fil-Bibljoteka tagħna u fela ukoll il-manuskritti. Naħsbu li tibqgħu tafuhulu.

F'din l-Antoloġija ssibu xi għana dgħajjef. Ma jistâx jonqos. Ilsien fi twelidu jkun b'saħħa żgħira. Din ħaġa minn ewl id-dinja. Kull bniedem kien tarbija qabel ma kiber u biex tgħallem ifiehem il-ħsebijiet tiegħu ħtieġlu l-mixi tas-snin. Hekk il-poeżija tagħna. Dan il-għana għalkemm dgħajjef għożżuh ukoll. Hekk l-omm tgħożż b'imħabba kbira l-ewwel kelmiet li joħorġu minn fomm iċ-ċkejkna tarbija.

Issibu wkoll għana sabiħ. Tħossok tgħir għal kitba ta' Taylor. X'qawwa ta' kliem, x'safa ta' tqabbil. Ifakkrek fl-ilma ħiereġ minn ġol-blat.

Fuq kollox iżda għożżu din il-ġabra għaliex Maltija! Qawwija jew dgħajfa x'kienu, dawn il-għanjiet li fetħu it-triq tal-Letteratura Maltija. Li l-lum għandna poëti kbar ma jmeriħ ħadd. Dawn sabu t-triq imwittija u huma q'ed iwittuha lill-oħrajn.

Darb'oħra biħsiebna niġbru Antoloġija mill-għana ta' Mifsud Tommasi; tal-Prof. Vassallo, tal-Kav. Muscat Azzopardi, Mons. Psaila, Professur Cuschieri eċċ. Tibqgħu mistgħaġbin bil-kliem tal-għana tagħhom u tridu jew ma tridux toħroġ minn qalbkom il-għajta: Il-lum il-Malti huwa lingwa tassew!

## ŻGHAŻAGH TAL-"*GHAQDA TAL-MALTI*":—

Din id-damma żgħira tal-ewwel tqabbil Malti mhix magħmula bil-ħsieb li turi l-ħlewwa, ġmiel jew qawwa tal-vers Malti sa minn żmien l-ewwel għajta tiegħu, iżda ġbartha bħala tifkira ta' dak il-ftit weraq niexef minn xtieli xagħrija li dehru l-ewwel darba fil-ġnien, il-lum imżejjen ġmielu, tal-kitba Maltija. La tħarsux għalhekk lejn il-għamla, il-lewn tal-ward ta' dawn ix-xtieli, iżda lejn il-qedem tagħhom. Ftakru biss li dawn kienu minn ta' l-ewwel li minnhom tnisslu jew tlaqqmu biż-żmien is-siġar kollha li nibtu u li s'issa qegħdin jinbtu mill-ħeġġa ta' mħuħ u qlub ta' rġiel u żgħażagħ fostna. Iżda għalkemm qodma, għalkemm niexfa, għalkemm imgħabbra u mikula mill-kamla taż-żmien, minn waħda għal oħra ta' din il-ġabra tqabbil, hemm ukoll x'tagħżel u x'tgħożż: hemm ukoll xi waħda li tista'tħabbatha ma' xi tqabbila taż-żmien tal-lum: għaliex iż-żerriegħa, it-taħwila, u t-torbija ta' dawn l-ixtieli bikrija mhux kollu wieħed u f'xi wħud tidher saħansitra is-sengħa ta' min żeragħha, ħawwila jew rabbieha. Hekk naraw ukoll fil-poeżija tal-lum. Fost is-sbieħ ta' din il-ġabra hija dik tal-ewwel; irrid ingħid dik tal-għaref Bonamico "Għall-Festa tal-Arblu ta' Mejju". Fost oħrajn nagħżlu ftit oħra bħal dawk li dehru fl-"Arlecchin" tal-1838, it-tlitt strofi tal-għanja Maltija miġjubin f'"Malte pour un Voyageur François (1791)" u l-vrejjes maqlubin bil-Malti mill-"Judgment Day" ta' Young tal-qabbiel Malti Richard Taylor. Dan ifisser li, mita tħalli barra xi għanja u xi qawl imqabbel ta' qbilhom li nibtu iktarx mill-qalb u lè mill-moħħ,—it-tqabbil irid senegħtu,—is-sengħa ta' tagħlim biex fih jidhru tirqim u sbuħija,—dan ifisser illi l-kitba Maltija ma tistax toħroġ tajba ħlief minn id li taf tħaddem il-moħħ u mal-moħħ il-pinna. Għalhekk minnkom, ja' żgħażagħ, fergħat ta' siġret il-għerf, minnkom jistenna l-Isien Malti jitnaddaf mit-tkasbir li bih s'issa kasbruh, li jintrafa' mill-faqar li faqqruh, dawk li s'issa ma għarfux jibżgħu għalih. Imxu għall-inqas fuq il-atar tal-ftit oħrajn bħalkom li żejnu l-ġonna tal-kitba Maltija. S'issa l-għanjiet tagħkom, ta' żgħażagħ li intom, huma wisq iżjed qawwija u sħaħ minn dawk li se' naqralkom. Kien tassew minnu l-kliem tal-qalbieni Vassalli mita stqarr fil-bidu tal-"Lexicon" tiegħu illi l-"Poeżija" hija dik li tgħin mhux ftit għat-tagħlim u tirqim tal-Isien Malti. Ma' dawk tal-għannejja ta' qbilkom u ma' tagħkom, dawn l-ewwel tifkiriet ta' għanjiet Maltin nittama li jkollhom daqxejn ta' wisa' fejn id-daħħluhom fl-"Antoloġija Maltija" li tixtiequ tiġbru. Qegħiduhom ukoll fuq râf, jekk tridu,—iżda għall-inqas erfgħuhom bħala tifkira bl-għanqbut u t-trab li fihom b'kollox.

A. C.

# TIFKIRIET EWLENIJA TA' TQABBIL MALTI

*Żewġ Poëżji :—Mill-Ms. 144 tal-Librerija ta' Malta.* CAN: AGIUS DE SOLDANIS. "*Nuova Scuola della Antica Lingua Punica scoperta nel moderno parlare Maltese e Gozitano*".

*Paġna 107.*

VII. Sunett magħmul minn 16-il-vers ta' Poëżija tajba u mdaqqsa, b'tifħir lill-Gran-Mastru Cottoner—mill-pinna tal-għaref Tabib Ġan-Franġisk Bonamico, miktuba fis-seklu 1600—għall-"*Festa tal-Arblu ta' Mejju*," fl-ewwel ta' Mejju.

*Paġna 108.*

VIII.

Mejju ġie bil-ward u ż-żgħar,
Għadda l-bard, ix-xita u l-beraq,
Tgħattiet l-art bin-nwar u l-weraq,
Heda r-rîħ, siket il-baħar.

Tar is-sħab minn wiċċ is-Sema,
Sa fl-iġbiel nibtet il-ħdura,
Reġgħet tgħanni kull għasfura
U fil-ferħ kull qalb tirtema.

Qajla ferħ kien f'hedil-Gżira,
Li ma kienx min iwennisha,
Li ma kienx min iħarisha,
Kieku tibki l-ġuħ bħal lsira

Inti l-ferħ u l-hena tagħna,
*Cotoner* dawl ta' għajnejna,
Tant li s-Sema jħallik ħdejna,
Fl-akbar bard ikollna s-sħana.

*Paġna 110.*

XI. It-tieni Poeżija fiha vrejjes mingħajr taqsim u għadd tajjeb ta' kliem. Miktuba dwar is-Seklu 1700. Skond it-tifsir ta' De Soldanis, il-Qabbiel Għawdxi jistħajjel f'dan it-tqabbil li waqt li qiegħed Għawdex, f'pajjiżu, ġie maħtuf mill-iżbirri tal-Ħaqq u]meħud Malta, fejn ġie mitfugħ ġewwa ħabs u, mingħajr ma kien ħaqqu, għaqqsuh u għaddbuh għal sena sħiħa. Hu jgħid kif f'dan iż-żmien niesu u

ħbiebu nsewh u telquh. Għalhekk jitlob 'l Alla, li hu jsejjaħ bl-isem ta' *Mulejja*, u lill-Madonna, li hu jsejjaħ bl-isem ħelu ta' *Jomm*. Fuq dawn biss hu jdur għaliex minnhom li jistenna l-faraġ. Wara li jpinġi x-xorti ħażina li messitu, il-Qabbiel jeħodha kontra dawk li wassluh f'dan it-tiġrib ikreh u ta' għajb, u jsejħilhom b'dawk l-ismijiet l-iktar ħorox u ta' tmasħir li setgħu jiġuh f'rasu bħala Qabbiel.

*Paġna 110-113.*

XII. Jaħasra mingħajr ħtija
Ġew l-iżbirri għalija;
Min-nofs it-triq ġew leqgħuni,
Minn fuq il-baħar ħatfuni. (1)
Minn fost tant nies siltuni,
Ġewwa d-dgħajsa għamluni. (2)
Kemm irgħext x'ħin ħaduni,
Kemm tħassart sa wassluni.
Fejn riedu ġibuni,
Ġewwa kalzri xeħtuni,
Wara bieba għalquni
U bil-moftieħ qafluni.
Qafluni bil-moftieħ,
Donni kont xi sarrieq.
Fost ir-rsiera rmewni
Hemm mixħut, marru u ħallewni.
Il-hena kollha neħħewli;
Ma baqax fuqi ruħ,
Xejn inqaddes(?) kont mimnuħ.
Jommi kemm sgħobbija
X'ħin jiena rajt tant tbatija,
X'ħin jiena ġarrabt tant kefrija,
X'ħin sibt ruħi f'tant moħqrija.
Il-għedewwa ittradewni,
Il-ħbieb ħallewni,
Il-qraba mellewni,
H'sa l-aħwa nsewni.
Aħ! Mulejja x'kelli nbati,
Għad, imsejken, m'jniex ħati.
U, Mulejja, x'kelli nara
X'ħin b'għajnejja rajt dil-ħsara.
Jommi, kemm bkejt
U kemm batejt.
Imma, j'Alla, nżżik ħajr
Kollox għadda f'ħakka t'għajn.

L-għedewwa ħasbu l'jien intlift;
Ma xejn ma ttesift.
———għamilihieli
———fettilhieli
———baramhieli
———komplihieli
Sena sħiħa domt kalzrat
Kollox jaħti . . . . . . . . . . .
Nirraħ jieħdu mitt xitan
U jġarrfu mill-ġebel ta' Bardan, (3)
Jibqa' nieżel sa qiegħ l-Infern
Biex ta' kulma għamel iżomm amment.
———jinżel miegħu;
Għax igħid
Xi jgħid
Il-ħtija kollha tiegħu nett.
Nirraħ saħta tirkbu
U la saħħa tinsab f'ġismu,
U la riżq u la ħniena f'kisbu,
U la ferħ u la ġid f'riżqu.
Minnu l-barka titbiegħed
U qalb is-saħta jitwiegħer:
Jilbes is-saħta
Bħal ma jilbes il-bies
U jitħażżem bis-saħta
Mill-bidel (4) il-ħżiem,
U jidħol bħal ilma ġewwa ħxejh (5)
U bħaż-żejt tinfed il-għadam tiegħu
U dement li hu ħaj dejjem tgħammar miegħu
Wiġġagħlu jisfar bħal lelluxa
U jiħdar bħal mertquxa
U jinxef bħal għûda
U jiswied bħal ħanfusa
U jiċkien bħal nemusa
U jitkebbeb bħal redusa
U jżebbeġ bħal qattusa
U jitkemmex bħal bebbuxa

---

TIFSIR

(1). Jistħajlu qiegħed fil-Port ta' Malta fuq dgħajsa xprunara ta' Għawdex.

(2). Jistħajlu qiegħed ix-Xatt u kegħiduh f'dgħajsa tal-pass biex jeħduh il-Birgu fejn kien hemm il-ħabs lest għalih.

(3). Għolja kbira fil-plajja ta' Għawdex, tħares lejn in-naħa ta' Barberija.

(4) Minflok.

(5) Fil-vixxri tiegħu.

————u la ħafirli
U lanqas Alla jaħfirlu.
Kif għamel lili
Hekk jagħmillu
Biex kulħadd
Jitgħallem minnu
Li ma jobgħod qatt
U lanqas deni jagħmel lil ħadd.

* * *

Mill-*Istromati* ta' Dr. Ignazio Saverio Mifsud. Ms. 11. *tal-Librerija ta' Malta* p. 166-67. Poeżija maltija "*Per l'omicidio successo in persona del P. Lettor Vincenzo Grimani.—Canzona Maltese*" miktuba fl-1738, dwar il-qtil fil-Kunvent tad-Dumnikani, il-Belt, fejn sabu maqtul lill-Patri Lettur Grimani fit-23 ta' April, 1738. Ara wkoll *Giornale di Fra Gaetano Reboul. Ms. 20. p. 48.*

Kieku tafu, ħuti, x'ġara
Fil-kunvent tad-Dumnikani:
Sabu fgat u maqtul f'demmu
L-imsejken Lettur Grimani.

Irbelljoni kbira kienet
Nhar San Ġorġ fis-sebħ.
Sabu Dumnikan maqtul
B'għoxrin daqqa ta' stallett.

Imsakkar ġewwa kamartu
Mejjet sabuh l-imsejken,
Il-moftieħ mormi fil-ġnien:
Sabuh f'id tiħel ċkejken.

Mejjet ġewwa kamartu,
Imsakkar dak il-bieb;
Il-moftieħ fil-ġnien,
U moħbi qalb il-ħorrieq.

Imgħarraq ġewwa demmu,
U mxewlaħ fuq is-sodda,
Sabu l-imsejken Patri,
La ġew Barbieri (1) inqas Tobba.

(1). Dik il-ħabta l-Barbieri kienu jagħmluha ta' tobba: jofsdu, idewwu eċċ.

Disgrazzja wisq kbira,
Illi xxandret mal-ibliet.
Jiena qatt ma kont nemmen
Li n-nies huma rwieħ ta' klieb.

Natu ftit ta' ħasra
U sabar 'l ommu l-miskina,
Tiġi tara 'l binha mejjet
U maqtul bis-sikkina.

X'ħalja ta' sikkina kienet
Li ħarġitlu tant dmija,
Il-fama tiegħu xerdet:
Ġejjin in-nies mija, mija.

Rabbi, msejkna omm, rabbi,
Biex ibnek ikun maqtul,
Kif fetħuħ bħal qasqus,
L-imsejken Patri Lettur.

* * *

*Mill-Archivum Melitense Vol: V. paġ: 66. "Acts and Documents relating to the French Occupation of Malta in 1798-1800" by Chev: Hannibal Scicluna. P.L.*

*Exemplaire d'une chanson patriotique en Maltais.*

## GĦANJA TA' TRIJONF TAL-LIBERTÀ

(Miktuba bil-Franċiż minn La Coretterie, Segretarju tal-Kummissarju tal-Gvern Franċiż f'Malta,—għall-Festa Nazzjonali tal-14 ta' Lulju 1798. -- Maqluba bit-Taljan u bil-Malti. L-oriġinâl tas-Sur Tancredi Gouder.)

Issa li għaminna l-arblu (1)
Ma hemmx iżjed Kavalieri;
Niżel is-Sultan u t-Tron tiegħu,
Miegħu niżlu l-Kunsilieri.

Għall-armi Repubblikani,
Immorru kontra n-Nobbiltà.
Uru li aħna vinċituri
Għajtu: Oh viva l-Libertà.

(1). *Arblu tal-Libertà* li twaħħal f'"La Place de la Libertè" (Piazza S. Giorgio) fil-Festa tal-14 ta' Lulju, 1798.

Waslet għall-Aristokratiku
Dik il-kbira pesta,
U jekk għalina jarfa' rasu
Aħna biha nagħmlu festa.

Għall-armi Repubbblikani eċċ.

Hawn il-Poplu jikkmanda
U f'idejh għandu l-Liġi
Biex il-ħżiena jikkundanna
U t-tajbin biha jrieġi.

Għall-armi Repubbblikani eċċ.

Għereq is-Sejf tal-Kavalieri
Fil-Kbir Baħar tagħna,
Barra kollha issa 'l-frustieri
Għaliex il-Maltin hawn tikkmanda.

Għall-armi Repubbblikani eċċ.

* * *

Mill-"*L'Arlecchin jeu Kaulata Inglisa u Maltïa*" Nru. 42, *is-6 Xahar il-Milied, 1838*, maħruġ bħala Suppliment tal-*Harlequin*, ġurnal Ingliż, bħala qima għar-Reġina Adelaide fiż-żjara tagħha f'Diċembru, 1838.

(Dan hu l-ewwel Ġurnal Malti li fih dehru dawn iż-żewġ Poëżiji).

## L-IMĦABBA U L-FANTAŻIJA

(Miġjuba bil-malti mill-ingliż ta' Mrs. Iliff.)

1. Wisq tħabatt jien f'żgħuriti
Biex infittex is-*Sbuħija*;
Kullimkien jien mort infittxha,
Mingħajr biża' ta' tbatija.

2. Sa għalaqt il-għoxrin sena
F'din il-ħajja jiena bqajt;
Is-*Sbuħija* mkien ma dehret
U x-xebħ tagħha qatt ma rajt.

3. Wieħed bajda u ħamranija,
Ieħor samra pinġihieli;
Min b'għajnejn suwed iżiġġu,
Min biż-żoroq sawwarhieli.

4. Fid-dell wieħed qalli nfittxha,
Ieħor qal: fittxha fl-ibliet;
Wieħed riedha fuq muntanja,
Ieħor f'għar, qalli, staħbiet.

5. Iltqajt fl-aħħar mal-*Imħabba*
U trîq sewwa bdiet turini;
Bdiet għall-ewwel tidħak bija
U għal ġenni bdiet tibkini.

6. "Is-*Sbuħija*", qaltli, "ibni,
Għandha wiċċha bħal qawsalla;
Daqs is-sħab ħafifa tiġri,
Għandha qerq kemm amar Alla."

7. "Iżda'ekk inti waħħalt f'moħħok
Li trid tirbaħ is-*Sbuħija*,
Jaħtieġ, ibni, li tirkorri
Lejn il-ħelwa *Fantażija*"

8. "Din in-Ninfa tinsab għandi,
Jiena biss li nikkmandaha:
Iżda trid tirtabat miegħi
Qabel tista' tkun taraha."

9. "Dawk li huma rsiera tiegħi
Jafu biss fejnhi s-*Sbuħija*;
Min il-ktajjen tiegħi jħalli
Ma jsib qatt ħlief il-kruhija."

10. Għad li iebes huwa l-jasar
Jiena ħlift li nibqa' magħha.
Qtajt il-ġwienaħ, dħalt fix-xibka
U rtbatt fîs bil-ktajjen tagħha.

11. Fuq ir-roti tagħha nbagħad
Hi għaddietni qalb il-folla,
F'għemża waħda l-ġmiel urietni,
U l-kruhija tan-Ninfi kollha.

12. Fîs sibt ruħi ġewwa s-Sema,
Fil-Palazz tal-*Fantażija*;
'Il din sibt imdawra kollha
Bil-miġimgħa tax-xbubija.

13. Bkajt nistagħġeb, la bdejt nara
Dak il-ġmiel u dik ħlewwa;
Dak il-għaxq u dik il-hena
Tat-tfajliet li sibt hemm ġewwa.

14. La lemħitni mal-*Imħabba*
Dik l-imbierka *Fantażija,*
"Fittex" qaltli, "fost dan-Ninfi
Is-Sultana tas-*Sbuħija.*"

15. Fis għajnejja bedgħu jibru,
Bdejt infittex, nagħżel bdejt;
Ma stajtx iżjed qatt insibha,
Għax fil-folla ikkonfondejt.

16. Rat l-Imħabba dit-taħbila,
Vleġġa fis puntat għalija,
U bil-mera tagħha mgħaġġla
Ġiet quddiemi l-*Fantażija.*

17. Hekk kif qalbi ġiet minfuda,
Il-*Fantażija* serkithieli,
U f'mument ma' tas-*Sbuħija*
B'ħiffa kbira bidlithieli.

18. "Dat-teżor", inb'għad qaltli,
"Ġej mis-Sema u mill-allat;
Jista' biss jara s-*Sbuħija*
Min tassew ikun namrat."

19. "Mhux l-istess kulħadd jaraha,
Għax wisq huma d-doni tagħha,
Kollha l-Grazzji meta twieldet
Daru biha u baqgħu magħha."

20. "Li wiċċ wieħed dina kellha
La hemm dinja, linqas ħbieb;
Billi kienet *Liena* waħda
Marret *Troja* fin-nar u l-ħrieb."

21. Kif fil-mera bdejt inħares
Tal-imbierka *Fantażija,*
Fir-ritratt ta' Nina tiegħi
Qalbi sabet is-*Sbuħija.*

22. Mita lilha rajt tas-sewwa
Dlonk għaliha jien tħeġġiġt,
Fost is-sbieħ jien sibt l-isbaħ,
Magħha fis jien iżżewwiġt.

23. Ferħan biha rġajt fid-dinja
Bil-għarusa li jien kont sibt,
Iżda ħadd ma baqa' mgħaġġeb
Kif fis-Sema jien kont ħsibt.

24. Kulħadd qal li hi sabiħa,
Fuqha nsabu bosta doni:
Iżda ħlieħ ħadd ma sata'
Isib fiha l-perfezzjoni.

25. Għad li kont minfuħ u mhellel
Bil-għarusa li ġibt miegħi,
U kont ħsibt li d-dinja kollha
Sejra tfaħħar il-gost tiegħi,

26. Rajt tassew kemm uċuh tbiddel
U kemm tqarraq is-*Sbuħija*:
Rajt li biss hi tiddependi
Mill-Imħabba u *Fantażija*.

## SUNETT

Iva ħabbejt, dejjem nistqarru s-sewwa,
Ma mindu bedgħet tiddi x-xemx għalija
Ebda ma trabbiet qatt, minn sidri l-ġewwa,
Bħal din l-imħabba l'int nissilt ġo' fija.

Għajnejk u fommok huma ż-żewġt egħdewwa
Li jassru l-qalbi biex ma tkunx mifdija;
Dak fommok xehda minn ta' l-oħla ħlewwa,
Għajnejk żewġ kwiekeb minn ta' l-isbaħ dija.

Minnhom tgħallimt x'inhu ferħ u tnehid:
Is-snin għalihom ma jidhrulix għajr ġmiegħi;
Fihom insib kulma nixtiek u rrid:

Sabar għalija m'hemmx jekk m'humiex miegħi;
Kliem fieragħ nara l-hena, il-ħajja, il-ġid:
Huma ġidi, huma ħajti, il-hena tiegħi.

* * *

Mill-"*Malte pour un Voyageur François* (1791) tal-Kavalier St. Priest. It-Tieni Taq. p. 64.

Miktubin mill-qassis Gioacchino Navarro li kien Kappillan Konventwali u li fl-ewwel żmenijiet tal-Ingliżi kien Bibljotekarju. Navarro, igħidu, li għallem xi ftit Għarbi lil Byron fit-tliet ġimgħat li dana kien qagħad hawn Malta fis-sena 1809. (Ara "Malta Chronicle" tas-7 ta' Jannar, 1931, paġ: 4. "Byron in Malta"). Fil-kitba ta' dawn il-għanjiet, Navarro inqeda wkoll b'ħames ittri għarbin għal-leħen ta' *għ*, *g*, *ħ*, *h*, *x* u *ġ*.

Fuq il-għamla ta' dawn il-għanjiet tkellem Dun Karm Psaila fil-"Malti" ta' 1930. Ġunju. It-Tieni Ktieb faċċ. 46.

## TLIET GĦANJIET BIL-MALTI

1.

Min jitma fit-Tama,
It-Tama tqarraq bih;
Jagħmel ir-riħ fil-bomblu;
Jaħseb li jsiefer bih.

2.

Smajt l'inti tarbit l-Imħabba;
Għidli fl-Imħabba xi ġralek?
Ejja tħaddet għommtok miegħi,
Għax naħseb l'jien ġrali bħalek.

3.

Għadira li tixrob minnha
Nitolbok la ddardarhiex.
Għax imur żmien u jiġi ieħor:
Tfittixha u ma ssibhiex.

* * *

Mid-"*Description of Malta and Gozo*" ta' George Percy Badger (1838) paġ: 85-89.

## GĦANJIET

Ħanina s'er insiefer
Jaħasra ma neħdokx miegħi,
Lilek Alla jati s-sabar
U jżommok fl-imħabba tiegħi.

Iżommok fl-imħabba tiegħi
Biex dejjem tiftakar fija,
Iftakar li jien ħabbejtek
Mindu kont ċkejken tarbija.

Mindu kont ċkejken tarbija
Qalbi kollha nġibdet lejk,
Bl-ebda dawl ma nista' nimxi
Għajr bid-dawl tas-sbieħ għajnejk.

Bid-dawl tas-sbieħ għajnejk
Jien mexxejt il-passi tiegħi,
Ħanina s'er insiefer,
Jaħasra ma neħdokx miegħi.

Meta niftakar li jiena sejjer,
Dad-dulur x'jiġini kbir;
'KAlla jrid, o ħanina,
Għad tgawdini u ngawdik.

* * *

Tridu tafu xbejba x'tagħmel
Minn fil-għodu sa fil-għaxija;
Tagħmel il-bokkli f'rasha,
U toqgħodlok fil-gallarija.

Toqgħodlok fil-gallarija
Tibda tagħmel in-namur,
Meta tara 'l ommha ġejja
Tibda tkefflek il-maktur.

Il-ġuvni tiela' u nieżel,
Ħalli jara hemmx xi xiħa,
Jibda tiela' minn fuq s'isfel
Għax ma jridx jibqa' bir-riħa.

Iltaqa' ma' nanna xiħa,
Qallha: mara tridx taqdini,
Flusi ma nibżâx għalihom
Basta tagħraf isservini?

..................................

*Il-Ħuttaba* —Sinjura donni nafek,
Kont ċkejkuna toqgħod ħdejja,
Kemm irfajtek, kemm ħabbejtek
Kemm għożżejtek ġewwa idejja.

—Sinjura donni nafek
Jidhirli għandek ix-xbejbiet,
Għax kont għaddejja mill-ħâra;
Jidhirli rajtha ħdejn il-bieb.

—Sinjura għidli x'għandek
Kemm narak malinkonata.

*Omm ix-Xebba*—Ara x'qalu fuq binti,
Illi ġà binti namrata.

*Il-Ħuttaba* —Iskot, sinjura, iskot.
Ilsnet in-nies tghid wisq xorti;
Dika bintek tifla tajba
Min jeħodha jkollu xorti.

*Omm ix-Xebba* Inżel, binti, inżel,
Hawna nanna trid tarak....
Tinsab mara wisq antika
Li bi kliemha tikkonslak.

*Il-Ħuttaba* Risposta jiena ġibtlek,
Oħra fis jiena rrid,
Bagħatni l-maħbub ta' qalbek
Li bil-piena jinsab marid.

*Ix-Xebba* Risposta inti ġibtli,
Oħra fis le ma natik;
Dana l-ġuvni ommi tafu,
B'żewġi nieħdu ma tridnix.

* * *

Mill-"*Għajdut Malti għat-Tifkira tal-armla Reġina* ADELAIDE *fl-ewwel miġja tagħha fit-Teatru, fil-ghaxra ta' Dicembru 1839 u ta' bosta ħwejjeġ oħra bl-istess għajdut, magħmul minn Luigi Rosato.*" (Malta 1839).

*paġ: 12-14.*

JEKK TAFNI NFAKKREK FIJA

Kemm xtaqt kelli qalbi ħadra
Ħalli nsamma' l-vuċi tiegħi:
Għad l'jien ċkejkna m'jiniex kerha
Demm kulħadd jinġibed miegħi.

Fost il-ħwejjeġ ta' did-dinja
Jidhru fija l-egħġubijiet,
Dak li għandi f'ġismi nieqes
Għandhom żejjed ix-xebbiet.

M'jniex mara l-anqas tifla,
M'għandix tul, għandi s-snin,
Għaqal għandi daqs ħaddieħor,
Bħal kbar għandi, bħal ċkejknin.

F'xi lejl safi, f'qamar qieraħ
Inħobb noħroġ nippassiġġa,
Nara dawlu bih nitgħaxxaq,
Ma fi żmien qasir jispiċċa.

Mita nidħol ġewwa l-knisja
In-nies kollha jħarsu lejja,
Jekk it-tfal jinsabu fiha
Jersqu dlonk jinġemgħu ħdejja.

Jekk jien nitla' l-presbiterju,
Qalb gozz nisa għar-rkobbtejhom,
Jien bil-wieqfa jkolli noqgħod,
'Mfixkla dejjem qalb riġlejhom.

Jekk mid-dar il-bżonn joħroġni
Ħafna nies insib urajja,
Inħoss demmi jitla' f'wiċċi;
Aktar mejta nkella ħajja.

Kont mistiedna f'għors ġurnata,
Kelli naqbeż mal-oħrajn,
Flok ma nsewwi bdejt inħassar,
Dlonk refgħuni fid-dirgħajn.

Ommi ħarġet darba kmieni,
Wara ftit ġew lilha jfittxu,
Smajt il-bieb iħabbtuh qawwi,
Sa xrift nara newwilt siġġu.

Meta ġie darb'oħra awżara
B'qasba indjana għal dublett,
Qratli ħrafa min jiktibha,
Ma stajtx nilħaq il-lukkett.

Tnejn u tletin sena għandi,
It-tul tiegħi tlitt ixbar,
Saba' nbid ma nistax nixrob,
Jikbes demmi daqs in-nar.

Hemm bżonn f'kollox nagħmel dieta,
Kollox għandi bħal nies oħra,
Iż-żwieġ biss ma jgħoddx għalija
Għax jibgħatni d-dinja l-oħra.

Għax għaż-żwieġ hemm bżonn wisq ħwejjeġ,
Trid il-ġisem, trid is-saħħa,
Ma nkunx nista' ngerfex sodda,
La nifrixha, la nerfagħha.

Iż-żwieġ miegħu jġib il-barka,
Iġib ġabra, iġib lit-tfal;
Jekk niżżewweġ nagħmel sabi:
Isir ġdid xi Karnival.

It-tul tiegħi daqs imħalla,
Għal qabili ma nsibx nies;
Jekk niżżewweġ nagħmel sabi,
Ma jkunx itwal minn dussies.

Kif qatt jista' jkun niżżewweġ,
Trid tagħbija għalih ta' ħmar:
Daqqa tagħġen, daqqa tlewwet,
Jaħtieġ nibqa' xebba d-dar.

* * *

Minn "*Catarina*" *Dramma Storico, Argomento Patrio in Idioma Maltese scritto da Luigi Rosato* (Malta 1847).

*paġ: 27-35.*

IT-TIENI TAQSIMA

U

L-EWWEL DEHRA

"*Rdum tal-Madliena u ftit bgħid minnu Għajn Qadi.* Bertu Kozza, Katarina u Menzju. *bis-sarar taħt spallejhom u x-xkejjer tal-biskott ifittxu fejn jitwarrbu.*"

*Menzju*— Qiegħed f'moħħi nħott u nibni
Kemm batiet il-gżira tagħna,
Dan il-ħsieb inħossu temmni,
Ma nqridniex għax Alla magħna.
Għajjurin in-nies tad-dinja
Għal dil-gżira dejjem kienu,
Mita l-ħsieb jiġihom tagħha
Lejha jersqu, dlonk jiċkienu.

*Bertu—* Sa fejn wassluk tant ħsibijiet,
Dana Menzju x'għandek tridu,
La ftehimna tibqa' magħna
X'għandek f'qalbek ftakar għidu;
Inti taf liż-żmien wisq ħelu,
Taf li jgħaddi bla ma jsellem,
Naraw ftit fejn tkun għamritna,
Tilħaq Menzju għad titkellem.

*Kozza—* Ma nistâx induq il-hena,
Ma nistâx għad insib sabar,
Qabel narġa' nara 'l ibni,
Qabel ibni d-dar jinġabar.
Il-kliem batal ma hemmx bżonnu,
Fejn ninġabru fis infittxu,
Biex il-għadu mita jersaq
Qalb il-blat iħabbat wiċċu.

*Katarin—* Taħt flaġell ta' tant moħqrija
Inħoss qalbi mtertqa bċejjeċ;
Naraw x'nagħmlu nfittxu toqba
Fejn nitwarrbu b'dawn il-ħwejjeġ.
Dak l'urajna l-lum ħallejna,
Taħsbux fih, imur mal-ħála,
Naħsbu biss fejn tkun il-ġabra
Qabel fuqna t-Tork jinqala',

*Menzju—* Lejn is-Sema lkoll inħarsu,
Lil dak Alla l-lsien inħollu
Biex il-gżira jindukraha
Mit-tiġrif u d-deni kollu,
Biex il-fidi tibqa' magħna,
Din il-gżira jkaddishielna,
U mill-għadu kiefer tagħha
Lejl u nhar iħarishielna.
Ħalli jkompli jfettet demmu
Min bi ħsiebu l-morr jisqina.
Nimxu sewwa, sewwa m'Alla,
Ma jkun jista' ħadd għalina,
F'dawn l-egħrien immorru ngħammru
Mal-Maltin maħbubin tagħna,
Li żmien ilhom, u hemm jibqgħu,
Sakemm Alla jrid jismagħna

...................................................

## IR-RABA' DEHRA

*Bertu :...........................*

*...........................*

*...........................*

*iħares lejn is-sema, joqgħod għar-rkobbtejh, jirringrazzja 'l Alla minn dak li bogħatlu u b'idejh il-fuq merfugħin igħidlu :—*

Niżżikħajr mill-hemm li bgħattli
La hekk għoġbok o Mulejja,
B'wiċċi fl-art u għar-rkobbtejja
F'qalbi niġbor dan l-uġigħ.
Ħarsa ati fuq il-gżira,
In-nies tagħha ieqaf magħhom
U ġurnata fuq ilqagħhom
Jilħqu l-wiċċek is-sabiħ!

*Bertu jaqa' fl-art għaxi, kulħadd mixħut fuq il-ġisem ta' Katarin mejta, kulħadd jibki l-ħasra tagħha kbira.*

* * *

Mill-"Jum il-Ħaqq" ta' Dr. Edward Young. Miġjub fil-lsienna Maltin minn Richard Taylor (1845).

*paġ. 18—21*

Bikri jew tard sa fl-aħħar jasal
Dak iż-żmien li jiġi fuqna,
Illi, moħbi, ħadd ma jafu
F'dak il-Ktieb ta' għommet ruħna.

Aktarx wara li tkun għaddet
Dina l-art is-snin il-kbar,
Wara wisq tibdil li jkollha
Bħala l-bdil tal-lejl min-nhar,

X'ħin is-Slaten ġodod kollha
Jistagħnew bil-qrid tax-xjuħ,
Għad liż-zmien li għandu jiġi
L-ebda nitfa ma jsemmuh,

Kollha mxiegħba l-ħlejjaq tidher,
Fl-aħħar jum ma jaħsbu qadd,
X'ħin ix-xemx tintefa f'daqqa
U l-jum jasal fuq kulħadd.

Stenbħu o ħlejjaq, dinja stenbaħ,
Stenbħu o slaten, stenbħu fis,
Idħlu daħla ġewwa fikom,
Triegħdu wkoll b'dal-kliem għażiż...

Sħaba sewda l-lum fis tkeċċi,
Lejl qalil jarmi s-Saltniet,
Ir-rjieħ kollha bi ħruxithom,
Fis iħarrbtu sas-Smewwiet.

Il-għoljiet li bla tmiem dehru,
Mriegħda tilmaħ u mġarrfin,
U kull wied maksum int tara
Qiegħhom juru lill-bnedmin.

Il-kbir baħar tara mqalleb,
Bl-akbar mewġ tarah għaddej,
Tielagħ tilmħu jgħarraq kollox
Minn urajh ma jħalli xejn.

Dawl il-qamar hemm fis tilmaħ,
Lewn ħamrani kollu dmija;
Qalb wisq dlam ta' swied ma bħalu,
Fis ix-xemx tilmaħ mitfija.

Fl-akbar ħemda minn tal-ajru,
Rogħda tisma' wisq qalila,
Illi ssamma' d-dinja kollha,
U 'l kulħadd tħalli bla ħila.

F'dak il-waqt dik l-aħrax tromba
Li tinstama' wisq mill-bgħid,
Dak il-leħen waħxi tagħha
Biża' jġiblek b'wisq tregħid

......................................
......................................

Ma kinux le hekk it-trombi,
Li Alla samma' fis-smewwiet,
X'ħin mill-Ġenna l-għadu keċċa
Għala qiegħ l-Infernijiet.

Iż-żilżliet li kien tefgħilhom,
Dak l-agħjat u dak il-krib,
Mhux tassew li kien hekk aħrax,
Li dakshekk kien biża' jġib.

Jekk sa l-anġli wkoll hemm waqgħu,
Wieħed minnhom ma' baqax!
Kif qatt jista' bin il-bniedem
F'jum hekk aħrax ma jibżax.

..................................

paġ. 41-42.

Issa l-bniedem hawn jistenbaħ
Minn lejl ħiemed għala nhar;
Minn ġò markad l-iżjed waħxi
Fejn kien ħela s-snin il-kbar.

Lejl qalil ta' l-akbar biża'
Fis inebbħu bi tregħida,
Illi eluf ta' snin ġej ilu
Biex idaħħlu f'dinja ġdida.

Il-Leħħiema tiegħi hawna
Ma taħlix mas-Slaten kliem,
Iżda tidħol trid fil-kobor
Minn taż-żmien li ma fih tmiem.

Jien lid-dinja kollha nħaddan
B'dan ix-xogħol li hawn kbadt,
U dil-kitba li bdejt nikteb
Widnejn tiftaħ lil kulħadd

..................................

paġ. 57.

Hawn il-ħilti kollha nsejjaħ
U nsawrilhom irrid jien,
Kulma jsir f'dak il-jum aħrax,
Li jġib biża' kullimkien.

"Ja Sultana ta' dil-gżira
Jien hu dak li nwieġeb fik,
Widnejk iftaħ, issa ismagħni
Biex ħaqq kliemi jien nurik.

Tifhemx le li dal-kliem kollu
Qiegħ'd inpaspru ew ġej mir-riħ,
Jew minn żniedi qiegħ'd naqilgħu
Biex inbażża' l-bnedmin bih?

Ħarsu nieżel il-Kbir Alla,
Jekk hux Alla tat-tħarrif:
Le: dan Alla iva tas-sewwa,
Min imieri?—tkellmu,—kif!!!

*paġ. 70-73.*

"Oħ ja Int li l-miżien tiegħek
Jiżen l-iżjed għoljiet kbar,
U li b'nifsek tista' tbiddel
Mewġ il-baħar fl-aħrax nar!

"Linqas bniedem jien fid-dinja
Mixħut b'rogħda taħt riġlejk,
Kollni niedem, kollni mbikki
Ħniena nitlob minn ġò idejk.

"Widdeb fis id-dgħaben kollha
Li jtajruli l-ħtijiet tiegħi,
Ħalli fl-akbar qiegħ jindifnu
Biex ma nħosshom iżjed miegħi.

"Agħmel int li nilmaħ dejjem
Ftit mis-setgħa kbira tiegħek
Biex miċ-ċokon tax-xejn tiegħi
Ruħi nressaq kollha miegħek.

"Fis is-saltna mel'ja Alla
Fuq ir-rieda tiegħi kollha,
Biex jekk qalbi fl-art tirtabat
Int tkun tista' bilġri tħollha.

"Agħamel int li qalbi tikbes
B'nar ta' mħabba għall-bnedmin,
Sabiex nista' nkun ngħiinhom
F'hemm li bih imgħobbijin.

Agħmel int li l-ktieb ta' għerfek,
Fejn ktibt bosta ħwejjeġ sbieħ,
Hawn f'għajnejja nilmħu dejjem
Biex ma negħja naqra fih.

........................................

"Agħmel int li f'ħajti ja Alla,
Sew fil-hemm jew fit-thennija,
Ħsiebi kollu fik jingħaqad
Fis-sebħ tiegħek tal-qdusija.

"Tini mmela s-sejf tar-rebħa,
Ħa' nkun nista' naħseb fik;
Biex kull rebħa li tiġini
Inħîbha fis kollha għalik

........................................

*paġ. 81-84.*

"F'daqqa waħda hemm jinstemgħu
Għaxart elef Tromba kbar;
Fil-waqt tarġa' taqa' ħemda,
Illi tbikkem kbar u żgħar.

"Minn hemm jiġi l-Kbir Imħallef
Fejn ma deher bħalu qatt,
Bil-kburija tiegħu kollha
Għajnejh jitfa' fuq kulħadd.

Bl-akbar dija s-sema jidher
Minn tas-Sebħ imqaddes tiegħu,
U hemm fil-Ktieb ta' għommet ruħna
Tilmħu bilġri jniżżel driegħu.

Xħin dal-Ktieb miftuħ hemm jiġi,
Karba tisma' ta' kbir hemm;
Ja ruħ tiegħi x'qiegħda tobsor!
F'dak il-jum għandek tkun hemm?

B'ħarsa biss hemm Sid id-dinja
'L dawk in-nies jaqsam fi tnejn,
Kulħadd joqgħod fejn imissu,
Bla ma jitlef żmien ta' xejn.

Ħarsu hemm xi sfura taqa'
Qalb ir-rogħda f'dawk l-uċuh
Iżjed bosta milli sfaru
X'ħin mill-mewt baqgħu bla ruħ.

.......................................

"Int ja lilek li qe'għid taqra!
Jekk int midneb jew b'xi ħtija;
Tħallinix dal-biża' nikteb,
Saqsi 'l qalbek tgħidlek hija!

.................................

Jekk int tar'hemm lil missierek,
Lil dik oħtok, ħuk ukoll,
O l-għarusa li wisq tħobbha
Ew l-isħab tiegħek ilkoll;

Fejn qalb waħda kellek magħhom
Mal-barrani u l-ekreb demm;
Jaħtieġ issa minnhom tagħżel
Biex għal dejjem tmur fil-hemm.

X'ma tatix biex tarġa' taqla'
Jum biss ħajja mis-smewwiet,
Imqar siegħa inkella dqajqa
Li tajjart miż-żmenijiet?

Tistax qatt iżda tinbotta
Minn ġol-baħar ħalel kbar?
Jew l-irwiefen treġġa' l-ura?
Hekk mismugħ tkun f'dak in-nhar.

*paġ. 88-89.*

Ħarsu ftit u fittxu tajjeb
Lil kull ruħ li sebħ uriet;
Lejn dawk li wisq faħħru
F'kotba kbar taż-żmenijiet.

Dawk li *Din tal-Qerq* ħallewlna,
Jew xi Slaten kienu lkoll,
Illi taħt il-ħokom tagħhom
Saltniet kbar hemm għakksu wkoll.

Dawk li l-ogħola ġebel ġarrfu,
Dawk li radmu l-kbar widien,
Dawk li għarfu jaqsmu x-xmajjar,
F'ġenshom ħadu kollimkien,

Dawk li ħakmu l-baħar kollu
Bl-akbar qlugħ fuqu għaddew,
Riegħdu n-nies tad-dinja kollha
Sejf tar-rebħa fuqu wrew.

Iżda hawn bħal xulxin jidhru,
La kbir dak u la żgħir dan;
Dana ħaqq li messu nkiteb
Fuq kull bieb ta' kull Sultan.

Din is-siegħa Alla lemaħħa
Sa mill-bidu ta' kull żmien,
Qabel ħalaq l-art u s-sema,
Qabel ħalaq kollimkien;

Qabel xejn ma wriena ġidu,
Qabel qered min jaf kemm,
Qabel wisq tibdil li għamel
Issa f'hena u issa f'hemm;

Qabel waqqa' s-saltniet kollha
Minn tal-Lvant u Nofs-in-nhar
U l-Punent u lin-Nord taħom
Sabiex saru ġnus hekk kbar.

*paġ. 93.*

"Liema hija dik l-id kiefra,"
Tisma' l-ħati jgħajjat f'ħin,
"Li ħarġitni minn ġò qabri
Fejn kont rieqed mar-reqdin?

"Int ja kiefra mewt qalila,
"Għall-ftit żmien kont ġbartni biss,
"Biex għall-qilla tal-Kbir Alla
"Lili titlaq kif imiss!

"Bl-akbar ħdejjed hawn irbattni,
"Qalb dawn l-ilsna minn tan-nar,
"Għal uġigħ ħallejtli leħni,
"Biex ingħajjat lejl u nhar!

.........................................

*paġ. 95.*

"Mela iżjed ftit tat-tama
"Is smewwiet ma jħallulix?
"Kif! dak Alla ta' wisq ħniena
"Iżjed hawn ma jismagħnix?

"Qatt ta' qatt!! Ah x'leħen kiefer,
"Li mill-qlub jaqta' kull jies,
"U kull tama fis igħarraq
"Ġewwa qiegħ li ma fih qies!!!

.........................................

"Għax ma bqajtx hawn trab għall-inqas
"Flok li ġejt ingħix maż-żmien?
"Jew sirt ilma tal-agħdajjar,
"Jew sirt xitla ġò xi ġnien?

"Ah kbir Alla minn tas-sema!
"Għaliex ħriġtni minn ġot-trab,
"Biex taħqarni bid-dawl tiegħek
"W iżjed ħniena ma tinsab?

.........................................

*paġ. 97.*

"Mhux il-herra tiegħek kollha
"F'idek qbadtha w biha ħqart
"L-iċken duda li ma ssibha
"Fuq il-wiċċ ta' dina l-art!

"Fis insieni: ew fis ħallini
"Narġa' ngħammar qalb id-dud;
"Ew nintilef ġò kburitek,
"Ew darb'oħra narġa' 'mmut".

## ABBONAMENT

6d. kull sitt xhur
1s. kull sena
Kopja wahda sold
Ghal barra minn
Malta id-doppju.